Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Ilink Kommunikationssysteme GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tas-16 ta' Diċembru 2010 — HIT Trading u Berkman Forwarding vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-191/09)

"Unjoni doganali — Importazzjoni ta' lampi fluworexxenti elettroniċi integrati u kompatti (CFL-i) li joriġinaw mill-Pakistan — Irkupru a posteriori ta' dazji fuq l-importazzjoni — Applikazzjoni għal remissjoni ta' dazji fuq l-importazzjoni — Artikolu 220(2)(b) u Artikolu 239 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92"

1. *Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea — Irkupru a posteriori ta' dazji fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni — Kundizzjonijiet għan-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 220(2)(b) tar-Regolament Nru 2913/92 (Regolament tal-Kunsill Nru 2913/92, Artikoli 62(1) u 220(2)(b)) (ara l-punti 42-44, 53-61, 72, 73)*

2. *Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea — Irkupru a posteriori ta' dazji fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni — Nuqqas ta' pubblikazzjoni, mill-Kummissjoni, ta' avviż lill-importaturi fil-każ ta' dubji dwar l-oriġini ta' merkanzija li tista' tkun suġġetta għal dazji antidumping (Regolament tal-Kunsill Nru 2913/92) (ara l-punti 79-81)*

3. *Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea — Rimbors jew remissjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni — Klawżola ta' ekwità stabbilita bl-Artikoli 239 tal-Kodiċi Dogonali tal-Komunità u 905 tar-Regolament ta' applikazzjoni tiegħu Nru 2454/93 — Sitwazzjoni partikolari — Kunċett (Regolament tal-Kunsill Nru 2913/92, Artikolu 239; Regolament tal-Kummissjoni Nru 2454/93, Artikolu 905) (ara l-punti 91, 92, 95-99)*

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 747 finali, tat-12 ta' Frar 2009, li tikkonstata li t-teħid inkunsiderazzjoni *a posteriori* ta' ċerti dazji fuq l-importazzjoni kien ġustifikat u li r-remissjoni ta' dawn id-dazji ma kinitx ġustifikata (fajl REC 01/08).

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Hit Trading BV u Berkman Forwarding BV huma kkundannati għall-ispejjeż.

Sentenza Tal-Qorti Ġenerali (Imħallef uniku) tas-16 ta' Diċembru 2010 — Il-Kummissjoni vs Arci Nuova associazione comitato di Cagliari u Gessa

(Kawża T-259/09)

"Klawżola ta' arbitraġġ — Ftehim konkluż fil-kuntest tal-appoġġ għal proġetti Ewropej ta' diskussjonijiet imwettqa minn organizzazzjonijiet mhux governattivi għall-2003 — Rikors ippreżentat kontra l-president ta' assoċjazzjoni — Nuqqas ta' ġurisdizzjoni — Nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-ftehim — Rimbors tas-somom imħallsa bil-quddiem"